# Wara l-Bwieb tal-Ħġieġ

*Silta mir-rumanz mhux pubblikat*

RAYMOND MAHONEY

*Ommu.*

Tmewweġ ma' saqajha sbieħ il-libsa twila bajdanija mal-qigħan ħadrana tal-bosk. Il-foresta ta' tfulitu. Il-masġar ta' żgħożitu.

*Ommu.*

Qajl qajl, bil-mod itterraq, passejha żgħar, ħelwin, bħal binja lmija, b'ħeffa ta' ballerina, ċerva ġwejda żżiġġ minn bejn il-weraq kbir, dellija.

*Ommu.*

Ġisimha jfewwaħ ħlewwet taqtir t'għasret il-ward, l-istefanotis, ġiżimin jogħnos fuq l-imħadda ta' sbuħitha.

*Ommu.*

Xuxitha qastnija tfewweġ ma' l-irjieħ u tostor sidirha sħun, taqa' fuq spallejha bħal għata msaħħra f'lejla ta' ksieħ u mħabba.

*Ommu.*

Mistrieħa titbandal fid-dgħajsa wenniesa mdawra b'tax-xmara ċ-ċafċif tal-mewġiet li jħeddlu, li jqanqlu.

*Ommu.*

Fil-jiem ta' sfuret il-qamħ u l-ewwel ħuttaf, fl-imrieżaq ta' xemx staġun ġdid, isserraħ riġlejha fil-ġonna tal-villa sajfija fil-wesa' tax-xgħari.

*Ommu.*

B'leħenha ċar u ġieri tgħanni man-noti fuq il-pjanu jperreċ melodiji ta' tifkir fi ljieli nostalġija, f'għodwiet melankonija.

*Ommu.*

Fuq l-ifrem żiemel iswed taqsam l-għelieqi, tofroq il-ħdura xeblieka f'tlebbit li jqawwi ż-żiffa tħannen lil ħaddejha fietla.

*Ommu.*

Hu.

Binha.

Istvan.

*Oħtu.*
Żagħżugħa lewn l-għasel u l-ward. Hafifa daqs ilmet nixxiegħa isserrep fix-xquq bejn il-blat.
*Oħtu.*
Lventa, fuq ruħha, nifisha maqtugħ, tiġġerra fil-logħob ta' min moħħu fuq ġwejnaħ l-irjieħ.
*Oħtu.*
Bħal ninfa, sirena, bħal xbejba tal-ħolm fuq fommha ħamran il-bews ta' min ħabbha – żagħżugħ bit-tinqixa tal-bronż u tad-deheb.
*Oħtu.*
Tbissim'tha u d-daħka titliegħeb fuq xoffet il-hena ta' jiemha bla mġebbla bid-dieq.
*Oħtu.*
Taħt l-għoli tas-siġar, dirgħajha ma' qaddu, turih it-titjir tal-għasafar ġo beraħ kaħlan.
*Oħtu.*
Quddiem il-fuklar fl-ixtiewi li jdendlu m'għajnejhom il-qtar imtertrin tal-ħalbiet, bi ktejjeb f'ħoġorha, u hu, jnewlilha l-ħlewwiet.
*Oħtu.*
Tisqih mill-kristall il-benna ta' togħmet l-inbejjed u tbusu fuq kpiepel għajnejh x'ħin fl-eqqel waqtiet ikarwat ir-ragħad.
*Oħtu.*
Tfisqilu kull biża', tberridlu ħuġbejh u b'swaba' imrejxa 'l xagħru tofroqlu fl-iljieli ġrajjiet u stejjer ta' qabel l-irqad.
*Oħtu.*
Tbaskit ta' ħbejżiet. Halib mill-irziezet u x-xiwi tal-ġwież fir-reżħ malli tinżel ix-xemx tal-Harifa.
*Oħtu.*
Li ħabbet, u ħennet, li għajxet.
*Oħtu.*
Li ġarrbet. Li ngħaqdet mar-raġel li ħabbha u tbiegħdet sa għebet u ntilfet fiċ-ċpar tat-tnessija.
U hu.
Istvan.

Hu li baqa' waħdu.
Sa ħolom b'dak li ma rax u f'dak li ra, sthajjel.
Sa ħaseb f'dak li ma sabx u f'dak li sab, xtaqha.
Sa t-telfa nbidlet f'ċaħda, iċ-ċaħda f'kilba, il-kilba f'ossessjoni.
U kieku baqgħu hu u hi.
Istvan u ommu.
U kienu kibru maż-żmien it-tnejn li huma, it-tnejn li kienu, meta l-masġar kien igezzez fih surithom, meta s-sħab dellel is-sjuf u tberred l-għatx fin-nixxigħat. Meta l-weraq lewn in-naspla fi sfuritha waqa' fuqhom fil-Harifa ta' mitt frotta bellusija. Meta tgħasar it-tuffieħ u r-raba' nżera'. Meta l-ewwel rumminiet xirfu mistħija fuq il-friegħi

sabiex ħammru l-weraq niedi f'qtar ix-xita. Meta qamu mill-imbiegħed, jonfħu l-għadab irwiefen ġodda ta' staġun l-għaġuża mgħakksa ta' kull ħajja. U kien baqa' jħobbha. Bogħod minnha, hi, ħabbitu.

U meta ltaqgħu, iġġeddu t-tifkiriet ta' meta l-ġonna fewħu u warrdu, ta' meta l-qċaċet bajdu u ttajret fuqanija l-ajkla tibni l-bejta. Xbubitha kienet fetħet sew bħal warda u 'l mara tal-ħolma tiegħu raha ġo fiha –
hi li kienet dell ħafif ta' ommu.
U ommu kienet kibret.